**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta tal-Erbgha nhar it-30 ta' Novembru, 2016**

**Avviz Nru: 588/04 MLF**

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota tal-10 ta' Settembru 2014, is-socjeta Enemalta p.l.c. assumiet l-atti ta' din il-kawza minflok il-Korporazzjoni Enemalta, u dan ai termini tal-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta**

**vs**

**Charles Schembri f'ismu propju u f'isem is-socjeta' C&F Enterprises Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-Korporazzjoni Enemalta fejn talbet li l-konvenuti jiġu kkundannati iħallsuha lis-soċjetà is-somma ta' elfejn, seba' mija u wieħed u sittin Lira (Lm2,761), rapprezentanti bilanċ dovut għall-xogħlijiet biex tiġi stallata *sub station* sabiex tissuplixxi Portico Buildings, f'Marina Street, Pietà, liema xogħlijiet saru fuq talba u inkarigu tal-atturi (recte konvenuti), u dan skond il-kuntratt datat 20 ta' Ġunju 2007 (Dok A), skont it-termini u l-kundizzjonijiet li hemm indikati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali datata 3 ta' Lulju 2003 (Dok B) u bl-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali, sal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eċċepew:

1. Illi mid-dokumenti stess ipprezentati mis-soċjetà attriċi, l-konvenut Charles Schembri proprju mhuwiex il-leġittimu kuntradittur u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi t-talba tas-soċjetà attriċi hija preskritta fil-konfront tal-konvenuti;

3. Illi t-talba tas-soċjetà attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-makkinarju provdut mis-soċjetà attriċi ma kienx dak pattwit;

4. Illi l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi mhuwiex dovut mill-konvenuti stante illi s-soċjetà konvenuta ħallset dik is-somma miftiehma mas-soċjetà attriċi.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti :

1. Wara diversi trattattivi, fl-20 ta' Gunju 1997 giet iffirmata skrittura privata bejn il-korporazzjoni attrici u s-socjeta' konvenuta, fejn il-korporazzjoni attrici obbligat ruhha li taghmel *'extension of the high tension supply to Portico Buildings, Marina Street, Pieta'* ghal prezz massimu ta' LM 20,105. Fuq l-istess skrittura jinghad dak in-

nhar stess, Charles Schembri kien hallas depositu ta' LM 10,050 akkont tal-prezz finali.[1]

2. Dak iz-zmien, il-fond Portico Buildings, Marina Street, Pieta' kien proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, u sussegwentement gie mikri lid-ditta KPMG.[2]

3. Mill-ircevuti ezebiti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta hallset is-somma ta' LM10,050 lill-korporazzjoni attrici dak in-nhar tal-ftehim u cioe' fl-20 ta' Gunju 1997[3] u hallset it-tieni pagament ta' LM8,743 fit-8 ta' Lulju 1998.[4] – cioe hallset is-somma totali ta' LM18,703.

4. Il-Korporazzjoni attrici qed tghid li l-ispejjez ghal dawn ix-xogholijiet gew jammontaw ghal ammont ta' LM20,453.00 li minnhom is-socjeta konvenuta hallset LM17,482.00 u ghalhekk is-socjeta konvenuta ghad fadlilha thallas bilanc ta' LM2,761.00.[5] Ir-rendikont ta' kif il-korporazzjoni attrici waslet ghall-kont ta' LM20,453.00 gie ezebit mis-socjeta attrici.[6]

5. Il-konvenuti irrifjutaw li jhallsu dan il-bilanc, u ghalhekk giet istitwita l-kawza odjerna.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti se tikkunsidra l-eccezzjonijiet tal-konvenuti wahda wahda.

---

[1] Ara Dok A (ftehim bejn Mr Charles Schembri (Managing Director – C & F Enterprises Ltd) u Enemalta Corporation) a fol. 2-3 tal-process.

[2] Ara l-affidavit ta' Charles Schembri a fol. 43 tal-process.

[3] Ara l-invoice ddata 20 ta' Gunju 1997 a fol. 98 tal-process.

[4] Ara l-invoice ddata 8 ta' Lulju 1998 a fol. 98 tal-process.

[5] Ara fax mibghuta mill-Korporazzjoni konvenuta fis-26 ta' Frar 2003, ezebita bhala Dok CF1 a fol. 45 tal-process.

[6] Ara fol. 22A-23 tal-process.

*L-Ewwel Eccezzjoni – li l-konvenut Charles Schembri mhux il-legittimu kontradittur*

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hi li l-konvenut Charles Schembri mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna u ghaldaqstant ghandu jigu lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-konvenut Charles Schembri huwa direttur tas-socjeta konvenuta.[7]

Fl-iskrittura privata li saret mal-korporazzjoni attrici fl-20 ta' Gunju 1997, deher *"Mr Charles Schembri, Managing Director - C&F Enterprises Ltd"*[8] Ghalkemm il-kliem fl-iskrittura seta' kien aktar felici, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, f'din l-iskrittura il-konvenut Charles Schembri kien qed jidher f'isem u ghan-nom tas-socjeta C&F Enterprises Ltd.

Din il-konkluzjoni hija komfortata bil-fatt li l-ircevuta[9] li harget il-korporazzjoni attrici dak in-nhar stess tal-ftehim fl-ammont ta' LM10,050 ghad-depozitu li kien thallas, hargitha f'isem C&F Enterprises Ltd., u cioe' f'isem tas-socjeta' konvenuta biss. Sussegwentement fit-8 ta' Lulju 1998 nharget invoice ohra mill-korporazzjoni attrici ghall-ammont ta' LM 8,743 u din l-invojs nharget ukoll f'isem is-socjeta' konvenuta.[10] Il-faks datata 26 ta' Frar 2003 mibghuta minn certa Christine Ceci a nom tal-korporazzjoni attrici fejn spjegat ghaliex il-korporazzjoni attrici kienet qed titlob il-hlas tal-ammont pretiz f'dawn il-proceduri kienet indirizzata lil Mr Charles Schembri C&F Enterprises Ltd.[11]

Mis-suespost, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-konvenut Charles Schembri rnexxielu jipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili li hu ma hux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, u konsegwentement se tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

[7] Ara affidavit ta' Charles Schembri a fol. 45 tal-process.
[8] Ara Dok A a fol. 2 tal-process.

[9] Ara l-invojs ddatata 20 ta' Gunju 1997 a fol. 98 tal-process.

[10] Ara l-invojs ddatata 8 ta' Lulju 1998 a fol. 98 tal-process.

[11] Ara l-faks ddatata 26 ta' Frar 2003 mibghuta minn Christine Ceci a fol. 101 tal-process.

*It-Tieni Eccezzjoni – Il-Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili*

Fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha, is-socjeta konvenuta ma indentifikat l-ebda artikolu fuq liema kienet qed tibbaza l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni. Din il-Qorti tatha diversi opportunitajiet sabiex taghmel dan, izda wara li nghalqu l-provi, u saret it-trattazzjoni finali quddiem din il-Qorti diversament preseduta, li s-socjeta konvenuta pprezentat nota fejn indikat li skond hi t-talba tal-Korporazzjoni attrici hija preskritta *«ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta»* u mill-atti ma jidhirx li din in-nota giet notifikata lill-korporazzjoni attrici.

Il-Qorti tosserva li l-Artikolu 2156 ghandu seba' incizi li jikkontemplaw kazijiet differenti fejn il-preskrizzjoni hija ta' hames snin, izda is-socjeta konvenuta ma indikatx taht liema wiehed minn dawn is-sub-incizi qed tibbaza l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni. Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, li l-Qorti m'ghandhix tikkonsidra eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fejn ma il-konvenut ma jindikax l-artikolu, u jekk ikun il-kaz is-subinciz, li fuqu tkun qed tigi ibbazata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maltacom plc gia Korporazzjoni TeleMalta vs Salina Co. Limited**[12] deciza fit-30 ta' Novembru 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk:

*"Illi in kwantu ghall-preskrizzjoni kwinkwennali bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 2156 il-Qorti tosserva li ma giex specifikat is-sub inciz li fuqu hija bazata l-eccezzjoni. "L-artikolu tal-ligi li l-konvenut seta' kellu fil-forma mentis tieghu fih ben hames incizi distinti, li jipprospettaw l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra. Inoltre skond l-Art.2111 il-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata; li jfisser li l-qorti ma tistax tissuplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti u m'ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata <u>b'mod car u esplicitu</u> minn min jinvoka" [PA.[PS] Donald Manche noe vs Joseph Said - 28 ta' Gunju 2003 – vide kazistika citata][sottolinear ta' din il-Qorti].*

*Illi ghalhekk in bazi ghall-konsiderazzjonijiet premessi l-ewwel eccezzjoni hija insostenibbli."*

---

12 Per Onor. Imhallef Noel Cuschieri.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-preskrizzjoni eccepita mhix indikata b'mod car u specifiku, u konsegwentement hija insostenibbli.

*It-Tielet Eccezzjoni – li l-makkinarju provdut mis-socjeta attrici ma kienx dak pattwit*

Fit-tielet lok, is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li l-makkinarju provdut ma kienx dak pattwit.

Jirrizulta mill-provi li wara diversi trattattivi bejn il-partijiet, fis-16 ta' Dicembru 1996, il-korporazzjoni attrici kienet harget stima tax-xogholijiet ghal ammont ta' LM 20,105 - l-istess ammont li l-korporazzjoni attrici u s-socjeta' konvenuta qablu fuqhu fl-iskrittura tal-20 ta' Gunju 1997.[13] Il-konvenut Charles Schembri jghid li l-iskrittura tal-20 ta' Gunju 1997 saret abbazi ta' din l-ahhar stima.[14]

Pero, fl-iskrittra tal-20 ta' Gunju 1997, ma taghmel l-ebda riferenza ghall-istima ta' xogholijiet mahruga fis-16 ta' Dicembru 1996, u bl-ebda mod ma jispecifika il-makkinarju li kellu jintuza, l-prezz tal-materjal u makkinarju li kienu se jintuzaw u l-pezz ghal *mano d'opera.* Anzi din l-iskrittura tghid fi klawsola 3 li *« The cost of the High Tension extension will be refunded on the basis of an approved policy »* - kliem li jindika li l-korporazzjoni attrici ma kinietx qed tintrabat ma x'makkinarju se tuza u l-prezz tal-affarijiet kollha u tal-*mano d'opera* mehtiega sabiex isir dan ix-xoghol. L-unika limitu li hemm f'din l-iskrittura hu li l-korporazzjoni attrici kellha tonfoq massimu ta' Lm20,105, ghal dan ix-xoghol.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-allegazzjonijiet tas-socjeta konvenuta li l-materjal uzat ma kienx skond dak pattwit fl-istima tas-16 ta' Dicembru 2016, ma jistghux jigu ikkunsidrati.

---

[13] Ara l-istatement tal-Korporazzjoni attrici a fol 99 tal-process.
[14] Ara xhieda tal-konvenut Charles Schembri a fol. 97 tal-process.

*Ir-Raba' Eccezzjoni – Il-Pagament ghas-saldu*

Fir-raba' eccezzjoni taghha, is-socjeta konvenuta teccepixxi li l-ammont mitlub mill-korporazzjoni attrici m'huwiex dovut stante illi s-socjeta konvenuta hallset dik is-somma miftiehma mas-socjeta attrici.

Fil-25 ta' Frar 2003, il-korporazzjoni attrici harget kont ghax-xogholijiet in kwistjoni indirizzat lid-ditta KPMG, li kienet l-inkwilina tal-fond in kwistjoni, ghal ammont ta' LM20,243.[15]

Kif diga inghad, fil-ftehim ma hemm l-ebda indikazzjoni tal-ammonti individwali tal-oggetti u s-servizzi li kienu se jigu pprovduti, u lanqas hemm riferenza, diretta jew indiretta lejn l-istima mahruga fis-16 ta' Dicembru 1996. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe allegata diskrepanza bejn l-istima tas-16 ta' Dicembru 1996 u l-kont finali mahrug fil-25 ta' Frar 2003, ghas-semplici raguni li l-istima tal-1996 ma tifformax parti mill-ftehim finali bejn il-kontendenti li sar fl-20 ta' Gunu 1997 – imma kienet biss stima.

U jaghmel sens li l-istima ma gietx inkorporata fil-ftehim stante li kif xehed l-Inginier Joseph Scicluna, li kien involut fil-hdim tal-istima tal-1996, *« Qed nigi mitlub nghid sabiex nistax nispjega d-diskrepanza li hemm bejn il-quotation kif ukoll ir-revised bill in konnessjoni ma' ekwipaggament, labour cost u materjal. Ir-raguni ta' dan hija li fil-bidu meta tkun saret il-quotation ma nkunux ezattament nafu xi tkun it-talba li tkun saret mill-klijent u wkoll ma nkunux nafu bi preciz ix-xoghol involut. Hafna drabi, l-quotation issir a bazi tal-pjanti lijkunu pprezentati mill-klijent applikant. Peress li s-substation ma tkunx ghada nbniet s'intendi ma konniex ghadna morna fuq il-post. S'intendi ikun ghadda certu zmien bejn meta tkun saret l-istima u meta jkun sar ix-xoghol u ghalhekk ikun hemm varjazzjoni fil-prezzijiet. »*[16]

---

[15] Ara l-istatement ddatat 25 ta' Frar 2003 indirizzat lil KPMG a fol. 22A-23 tal-process.

[16] Ara xhieda tal-Inginier Joseph Scicluna a fol. 57-58 tal-process.

Sat-8 ta' Lulju 1998, is-socjeta' konvenuta hallset l-ammont kumplessiv ta' Lm18,793[17] u dan skond l-ircevuti mahrugin mill-korporazzjoni attrici stess. Incidentalment, din il-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta' konvenuta fl-ittra taghha datata 29 ta' Mejju 2005 tghid li, *"...we paid the balance due up to LM 17,482"*[18] meta huwa evidenti li l-ammont li hallet kien ta' LM18,793.

Min-naha l-ohra, kif inhu redatt il-ftehim tal-20 ta' Gunju 1997, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-korporazzjoni attrici ma tistax titlob hlas oghla minn LM20,105, kif pattwit fil-ftehim. Fil-fatt li ftehim jghid hekk : *« The said Mr. Charles Schembri did on the 20th June 1997 deposit with the Chairman Enemalta Corporation the some of £10,050 (50% of £20105) Malta Pounds which shall remain with the Corporation until the execution of the said works and on such execution having been carried out, it shall be lawful for the said Chairman, Enemalta Corporation, and he is hereby expressly authorised and empowered by the said Mr. Charles Schembri to take out the sum of £20,105, the amount which the Corporation shall have expended in connection with the extension of the said High Tension Supply to Portico Building, Marina Str. Pieta, binding himself to pay into the Enemalta Corporation any sum which may have been expended* over and above the same amount of £M10,050 *deposited by Mr. Charles Schembri. »* (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghalkemm id-dicitura mhix felici, li kieku l-partijiet riedu li l-korporazzjoni attrici tithallas ammont aktar minn Lm20,105.00, jekk tonfoq izjed minn dan l-ammont, dan kienu jghiduh espressament. Minflok is-socjeta konvenuta obbligat ruhha biss li thallas kull ammont li l-korporazzjoni attrici tkun nefqet izjed minn Lm10,050.00, l-ammont ta' depositu li sar. Pero, skond il-ftehim, ic-Chairman tal-korporazzjoni attrici huwa biss awtorizzat li wara li jitlestew ix-xogholijiet jiehu minghand is-socjeta attrici is-somma ta' Lm20,105.00 u xejn izjed.

Il-konvenut Charles Schembri jghid li huwa kkonsidra l-ircevuti li hallas, kienu ghas-saldu, ghaliex kieku is-socjeta attrici ma kinietx ittieh access ghas-sub-station.[19] Huwa vera li mill-provi jirrizulta li kienet prassi tal-korporazzjoni konvenuta tixghel is-substation meta jkun

[17] Ara l-invoices ddatati 20 ta' Gunju 1997 u 8 ta' Lulju 1998 a fol. 98 tal-process.

[18] Ara Dok CF 2 a fol. 46 tal-process.

[19] Ara xhieda tal-konvenut Charles Schembri a fol. 96 tal-process.

thallas il-kont kollu tal-istima[20], pero din kienet biss prassi u fil-ftehim *de quo* ma hemm l-ebda kondizzjoni li s-substation ma tinxteghelx jekk is-socjeta konvenuta ma thallasx il-kont kollu tal-istima.

Il-konvenut Charles Schembri xehed ukoll li s-socjeta konvenuta kienet hallset lil certu Salvu Meli ghat-trasport u mhux il-korporazzjoni,[21] pero ma gab l-ebda forma ta' prova sabiex jissostanzja din l-allegazzjoni.

Is-socjeta konvenuta tissottometti wkoll li l-ammont pretiz mill-korporazzjoni attrici mhux dovut ghax l-ammont pretiz jinkludi l-VAT u fid-data li fiha gie iffirmat il-VAT ma kinitx ghadha legalment dovuta. Huwa minnu illi fl-istima tas-16 ta' Dicembru 1996, il-korporazzjoni attrici nizzlet l-ammont ta' Lm2622.34 bhala VAT bir-rata ta' 15%.[22] Huwa minnu wkoll li fid-data li fih gie iffirmat il-ftehim, cioe fl-20 ta' Gunju 1997, ma kienx iktar dovut il-VAT. Izda dan hu kollu irrilevanti, ghaliex kif diga inghad il-ftehim ma' jaghmel l-ebda riferenza ghall-istima tal-1996, u jistipula li l-ammont massimu li l-korporazzjoni attrici setghet titlob ghax-xogholijiet kien ta' Lm20,105.

Fid-dawl tas-suespost, mill-ammont massimu pattwit fil-ftehim, u cioe l-ammont ta' LM20,105, ghandu jitnaqqas l-ammont ta' LM18,793, gia mhallas mis-socjeta konvenuta, u konsegwentement s-socjeta konvenuta ghad fadlilha thallas lis-socjeta attrici, li fil-mori tal-proceduri assumiet l-atti, l-ammont bilancjali ta' LM1,312.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti :

1. Tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenut Charles Schembri f'ismu proprju ma hux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta li t-talba attrici hi preskritta;

[20] Ara xhieda tal-Inginier Joseph Scicluna a fol.58 tal-process.
[21] Ara xhieda tal-konvenut Charles Schembri a fol. 96 tal-process.
[22] Ara stima tal-korporazzjoni attrici a fol. 99 tal-process.

3. Tichad it-tielet eccezzjoni tas-socjeta konvenuta;

4. Tilqa’ in parte r-raba’ eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, u tilqa' t-talba attrici limitatment ghall-ammont ta' tlett elef u erba’ u hamsin Euro (€3,054.00) (ekwivalenti ghas-somma ta’ elf, tlett mija u tnax-il Lira Maltija (LM1,312)), u tichadha ghall-kumplament, u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas din is-somma lis-socjeta attrici - li assumiet l-atti ta’ dawn il-proceduri minflok il-korporazzjoni attrici, bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali datata 3 ta’ Lulju 2007 sal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta;

5. L-ispejjez tal-konvenut Charles Schembri ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici;

6. L-ispejjez l-ohra kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta’ Lulju 2007, ghandhom jithallsu kwantu ghal erba’ partijiet minn hamsa (4/5) mis-socjeta konvenuta u kwantu ghal parti wahda minn hamsa (1/5) mis-socjeta attrici.

**Maġistrat**

**Dott. Alan Zerafa**
**Deputat Reġistratur**